



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0236 (COD)

9898/18
ADD 1

ESPACE 29	ENER 227
RECH 278	EMPL 310
COMPET 428	CSC 188
IND 159	CSCGNSS 1
EU-GNSS 15	CSDP/PSDC 311
TRANS 251	CFSP/PESC 543
AVIATION 84	CADREFIN 85
MAR 79	CODEC 1007
TELECOM 172	IA 194
MI 440	

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Ġunju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 447 final
Suġġett:	ANNESS tar- REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-programm spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni 541/2014/UE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2018) 447 final.

Mehmuż: COM(2018) 447 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.6.2018
COM(2018) 447 final

ANNEX 1

ANNESS

tar-

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jistabbilixxi l-programm spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-
Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013
u (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni 541/2014/UE**

{SWD(2018) 327 final} - {SWD(2018) 328 final}

ANNESS

INDIKATURI GĦALL-EVALWAZZJONI TAL-PROGRAMM

Il-Programm se jiġi mmonitorjat mill-qrib abbażi ta' sett ta' indikaturi maħsuba biex ikejlu kemm ikunu nkisbu l-għanijiet speċifiċi tal-Programm u bil-ħsieb li jiġu mminimizzati l-piżijiet u l-kostijiet amministrattivi. Għal dak l-għan, se tinġabar *data* fir-rigward tas-sett ta' indikaturi ewlenin li ġejjin:

L-indikaturi għandhom ikunu marbuta mal-għanijiet speċifiċi, iżda sabiex jiġi evitat in-nuqqas ta' koerenza, dawn ma għandhomx jiġu rrepetuti.

Għan Speċifiku Nru 1: il-forniment ta' servizzi mill-aqwa u fejn ikun xieraq, ta' servizzi siguri tal-pożizzjonament, tan-navigazzjoni u tat-teħid tal-ħinijiet;

Indikatur Nru 1: Akkuratezza tas-sinjal (GNSS)

Għan Speċifiku Nru 2: it-twassil ta' *data* u ta' informazzjoni akkurati u affidabbli tal-osservazzjoni tad-dinja, b'sostenn għall-implimentazzjoni u għall-monitoraġġ tal-politiki tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fl-oqsma tal-ambjent, tat-tibdil fil-klima, tal-agrikoltura, tal-iżvilupp rurali, tal-protezzjoni ċivili, tas-sikurezza, tas-sigurtà, kif ukoll tal-ekonomija diġitali;

Indikatur Nru 1: Għadd ta' utenti ta' Copernicus

Indikatur Nru 2: Żieda ta' servizzi ġodda ta' Copernicus

Għan Speċifiku Nru 3: it-titjib tal-kapaċitajiet tal-SST għall-monitoraġġ, għall-insekwiment u għall-identifikazzjoni tal-oġġetti spazjali, għall-monitoraġġ tat-temp spazjali u għall-immappjar u għall-ħolqien ta' netwerk tal-kapaċitajiet tal-Unjoni fir-rigward tal-NEO

Indikatur Nru 1: Għadd ta' utenti tal-komponenti tal-SSA

Indikatur Nru 2: Disponibbiltà tas-servizzi

Għan Speċifiku Nru 4: l-iżgurar tad-disponibbiltà fit-tul ta' servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita affidabbli, siguri u kosteffettivi, b'garanzija xierqa ta' aċċess u ta' robustezza li tiflaħ għal atti b'intenzjoni ħażina

Indikatur Nru 1: Għadd ta' utenti ta' GOVSATCOM

Indikatur Nru 2: Disponibbiltà tas-servizzi

Għan Speċifiku Nru 5: il-kontribut għal kapaċità awtonoma, sigura u kosteffiċjenti ta' aċċess għall-ispazju

Indikatur Nru 1: Għadd ta' avvenimenti ta' llanċjar għal azzjonijiet spazjali tal-UE

Għan Speċifiku Nru 6: fir-rigward tal-azzjonijiet b'sostenn għas-settur spazjali: is-sostenn u r-rinfurzar tal-kompetittività, tal-imprenditorija, tal-ħiliet u tal-kapaċità ta' innovazzjoni tal-

persuni ġuridiċi u fiżiċi mill-Unjoni, li jkunu attivi jew jixtiequ jsiru attivi f'dak is-settur, b'mod partikolari fir-rigward tal-pożizzjoni u tal-ħtiġijiet tal-impreżi żgħira u ta' daqs medju u tan-negozji ġodda.

Indikatur Nru 1: Tkabbir fis-settur downstream relatat mal-azzjonijiet spazjali